**7 ta' Lulju, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D. A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Salvu Borg

*versus*

Alfred Abela

## Azzjoni għal Dejn ta' Logħob - Biljett Rebbieħ - Regolamenti tal-Logħob

*Ir-rebbieħ f'imħatri fuq tiġrijiet taż-żwiemel ġewwa l-Marsa huwa dak li fuq il-biljett tiegħu jkollu n-numru vinċenti indipendentement minn dak li originarjament seta' kellu f'moħħu il-ġogatur. Illi għalkemm skond ir-regolamenti tal-logħob rigwardanti dawn it-tiġrijiet hemm aċċenn għall-possibbilità ta' korrezzjoni f'każ ta' żball, però tali korrezzjoni trid issir* a tempo debito *u mhux wara li jkun intemm l-avveniment.*

Il-Qorti:-

B'ċitazzjoni ppreżentata fil-5 ta' Frar, 1993 l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut huwa debitur ta' l-attur fis-somma ta' erba' mija u għoxrin lira Maltija (Lm420, ammont dovut għal rebħ fuq il-biljett numru 000850 milgħub mill-attur, mingħand il-konvenut, bħala *bookmaker* awtorizzat fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel organizzati mill-Malta Racing Club, illi nonostante li l-konvenut ġie interpellat biex iħallas l-istess ammont diversi

drabi huwa baqa' inadempjenti; talab għalhekk illi l-Ewwel *Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas* lill-attur is-somma ta' Lm420 rappreżentanti r-rebħ fuq il-biljett numru 000850 milgħub mill-attur mingħand il-konvenut; bl-ispejjeż inklużi dawk ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat fl-4 ta' Jannar, 1993 u bl-interessi skond il-liġi sad-data ta' l-eventwali pagament effettiv, kontra l-konvenut, inġunt biex jidher għas-subizzjoni;

Il-konvenut eċċepixxa illi preliminarjament l-azzjoni attriċi *hija insostenibbli skond il-liġi Maltija li ma tagħti ebda* azzjoni għal dejn ta' logħob, jew għall-ħlas ta' mħatra; illi, mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-ritt u jimmeritaw illi jiġu respinti, bl-ispejjeż kontra l-istess attur, stante illi, kif ser jiġi ppruvat aktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawża odjerna, l-attur ma kienx jipposjedi biljett rebbieħ; illi, subordinatament *ukoll, il-kunsens ta' l-esponent illi jbigħ il-biljett milgħub mill*-attur kien ivvizzjat bi żball dwar is-sustanza nfisha tal-ħaġa. oġġett *ta' l-istess biljett milgħub; illi, subordinatament ukoll*, l-aġir ta' l-attur illi jitlob il-ħlas tal-biljett kien magħmul b'*malafede* u b'ingann. L-istess attur ammetta ma' terzi illi ż-żiemel milgħub minnu ma kienx iż-żiemel rebbieħ, iżda, ċjoè nonostante, qiegħed jitlob l-allegat rebħ tal-biljett ikkonċernat, salv eċċezzjonijiet oħra;

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

Illi l-attur mar biex jilgħab imħatra ma' l-esponent, illi huwa *bookmaker* awtorizzat fil-*Marsa Racing Club*, fuq żiemel tiegħu bl-isem Russ Vendeen, f'tiġrija illi kien ser jieħu sehem l-istess żiemel. L-esponent, peress illi l-attur kien ser jilgħab iż-*żiemel tiegħu stess tah kwota aħjar (10 ma' 1) minn dik* uffiċjali, kif inhi l-użanza fit-tiġrijiet taż-żwiemel fil-Marsa. Bi

żball iżda, l-esponent ħareġ biljett bin-numru ħażin u kien laħaq ikkonsenjah lill-attur qabel ma nduna b'dan l-iżball. Dan l-iżball kien fis-sens illi l-esponent ħareġ biljett bin-numru 14 (in-numru fuq il-biljett jindika n-numru taż-żiemel illi fuqu jkun sar il-logħob mill-ġogatur), meta n-numru taż-żiemel li ried jilgħab l-attur kien il-15. Dan iż-żiemel, bin-numru 14, effettivament rebaħ it-tiġrija, u l-attur ippretenda li jitħallas ir-rebħ, filwaqt illi l-konvenut irrifjuta li jagħmel dan minħabba l-iżball;

B'sentenza mogħtija fid-29 ta' Mejju, 1996, l-Ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet din il-kawża billi, prevja li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, laqgħet it-talba ta' l-attur bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Il-konvenut ħass ruħu aggravat minn din is-sentenza u għalhekk interpona appell minnha fuq is-segwenti:

*Illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti li* rrigwardaw il-meritu ta' dan il-każ billi ċertament li ma teżisti ebda kontestazzjoni bejn il-kontendenti fuq is-segwenti:

*Illi* l-attur mar biex *jilgħab* fuq *iż-żiemel* tiegħu, *illi kellu* n-numru 15;

Illi bi żball, l-esponent ħareġ biljett bin-numru 14, li kien effettivament in-numru ta' żiemel ieħor li ma kienx jappartjeni lill-attur;

Illi eventwalment kien iż-żiemel bin-numru 14, li ma kienx iż-żiemel ta' l-attur, li rebaħ it-tiġrija;

Madankollu, fil-konklużjonijiet derivanti minn dawn il-*fatti* ċari, l-Ewwel Qorti adottat raġunament li hu umilment

meqjus mill-esponent bhala żbaljat, billi tat konsiderazzjoni biss lin-numru li jkun hemm *fuq il-biljett u għażlet illi tinjora għal* kollox l-intenzjoni ċara u inekwivoka tal-partijiet;

Illi l-appellant jissottometti illi ma jistax jaqbel ma' dan ir-*raġunament ta' l-Ewwel Qorti billi mill-ġbir tal-provi rriżulta*, mhux biss fuq bażi ta' probabilità iżda mingħajr ebda dubbju, illi l-ftehim bejn il-kontendenti kien jirrigwarda żiemel partikolari, iż-żiemel Russ Vendeen, proprjetà ta' l-attur, indipendentement minn kwalsiasi numru imniżżel fil-biljett mahruġ mill-esponent;

Illi l-Ewwel Qorti rrikonoxxiet il-fatt illi dan l-inċident kien jikkostitwixxi eżempju tipiku ta' *obvious errors* iżda *rriteniet illi l-korrezzjoni ta' dan l-iżball għandu jsir fil-ħin* proprju u biss bil-kunsens tal-parti l-oħra. F'dan ir-rigward, hija l-umli sottomissjoni ta' l-esponent illi huwa ma ndunax bl-iżball *mill-ewwel u waqt li kien qiegħed joħroġ il-biljett*. Kieku *f'dan* il-każ, allura kienet tkun korretta l-Ewwel Qorti illi tiddeċidi illi l-esponent għandu jbati għall-iżball tiegħu u li naqas li jikkoreġi fil-ħin opportun. L-appellant iżda induna bl-iżball xi ħin wara li kien ħareġ il-biljett u seta' jiddiskuti l-kwistjoni ma' l-attur biss fil-mument illi ġie ppreżentat dan il-biljett biex jissarraf bħala *biljett rebbieħ;*

Illi, kwantu għar-rekwiżiti tal-kunsens tal-parti l-oħra, l-esponent umilment jikkontendi li semmai huwa l-iżball illi jista' jiġi aċċettat biss il-kunsens taż-żewġ partijiet u mhux il-korrezzjoni ta' żball ġenwin. L-Ewwel Qorti tiċċita, fis-*sentenza tagħha,* paragrafu *mill-Fair Deal Rules,* esebiti mill-esponent, iżda għażlet li tinterpreta t-tifsira ta' dan il-paragrafu favur l-attur u in protezzjoni ta' żball evidenti, meta fl-opinjoni *umli ta' l-esponent, il-kliem ta' din ir-regola għandhom isaħħu* aktar l-interpretazzjoni ta' l-esponent illi, semmai, il-kunsens

taż-żewġ partijiet huwa meħtieġ sabiex jiġi mibdul il-ftehim ta' bejn il-*bookmaker* u l-ġogatur kif ibbażat fuq l-istruzzjonijiet tal-ġogatur. Fuq kollox, ġaladarba jiġi stabbilit x'kienet l-intenzjoni, mhux biss tal-ġogatur, iżda taż-żewġ partijiet, u *jirriżulta illi ma hemm ebda dubbju raġonevoli dwar l-oġġett* tal-ftehim ta' bejniethom, allura kwalsiasi żball ġenwin li jista' jirriżulta fil-kitba ma għandux jippreġudika lil parti jew l-oħra iżda għandha dejjem tiġi rispettata l-intenzjoni tal-partijiet, l-istruzzjonijiet ċari tal-ġogatur u l-ftehim ta' bejniethom. Fin-nuqqas, ikun qiegħed jiġi protett il-ġogatur, jew jista' jkun ukoll il-*bookmaker*, illi jieħu vantaġġ indebitu minn żball ġenwin, bi preġudizzju inġust għall-parti l-oħra;

Illi mas-sottomissjonijiet hawn fuq esposti, l-esponent jixtieq jirrileva ukoll illi, bir-raġunament adottat mill-Ewwel Qorti, l-esponent sejjer, li oltre, ibati preġudizzju akbar fil-każ odjern milli f'każ kieku l-ġogatur ma kienx il-proprjetarju taż-żwiemel. L-Ewwel Qorti rriteniet illi ġaladarba l-esponent ħareġ biljett bin-numru ħażinn, allura dan jikkostitwixxi l-ftehim bejn *il-kontendenti - iżda dan żgur mhuwiex il-każ, konsiderando* ukoll il-fatt illi wieħed ma jridx jinsa illi l-attur kellu *favourable odds* fuq il-logħob taż-żiemel tiegħu, iżda li żgur ma kienx jingħata f'każ illi kien għażel li jilgħab fuq żiemel ieħor. Kif spjegat lill-Ewwel Qorti, il-proprjetarju ta' żiemel jingħata l-fakoltà mill-*bookmakers* li jilgħab *odds* aktar favorevoli jekk jilgħab fuq iż-żiemel tiegħu. L-esponent qatt ma kien ser jippermetti lill-attur jilgħab dawn l-*odds* fuq iż-żiemel li effettivament rebaħ it-tiġrija billi, fl-ewwel lok, iż-żiemel rebbieħ ma kienx jappartjeni lill-attur, u fit-tieni lok, l-istess żiemel ma kienx ikkwotat b'*odds* daqstant favorevoli. Tkun l-*acme* ta' *l-inġustizzja f'dan il-każ*, allura, *u bir-raġunament* adottat mill-Ewwel Qorti, *illi* l-esponent *mhux biss ibati* preġudizzju minħabba l-iżball ġenwin fin-numru taż-żiemel indikat fuq il-biljett, iżda talli jiġi mġiegħel iħallas a bażi t'*odds* illi l-attur qatt ma kien ser jitħalla jilgħab fuq dak *iż-żiemel;*

Illi, għalhekk, u mingħajr preġudizzju għal dak kollu hawn fuq premess, l-esponent hu tal-fehma illi anke f'dan ir-rigward l-Ewwel Qorti kienet inġusta u iebsa wisq miegħu billi, anke jekk qieset, tajjeb jew ħażin, illi l-esponent għandu jbati għall-iżball li għamel, l-Ewwel Qorti kellha allura ta' l-anqas tapplika l-poteri diskrezzjonarji mogħtija bl-artikolu 1714 (2) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) fil-każ ta' logħob fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel u tnaqqas is-somma mitluba u tikkundanna lill-esponent iħallas a bażi ta' l-*odds* li kienu qegħdin jingħataw liż-żiemel li effettivament rebaħ;

Illi, għalhekk, is-sentenza appellata hi, minn kull angolu li tħares lejha, inġusta u żbaljata;

Għaldaqstant, il-konvenut talab li s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Mejju, 1996, fil-kawża fl-ismijiet fuq premesi, tiġi revokata u mħassra u prevja li jiġu akkolti l-eċċezzjonijiet ta' l-esponent, jiġu riġettati t-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

Ir-risposta ta' l-appellat Salvu Borg:

Illi l-appell ippreżentat mill-konvenut għandu jiġi respint peress illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata u dana kemm minħabba li l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti huma validi u kwindi għandhom jiġu kkonfermati u kif ukoll minħabba r-raġunijiet segwenti:

Illi l-argumenti mressqa mill-konvenut fl-aggravji ta' l-appell mhumiex riflessi fl-eċċezzjonijiet tiegħu u kwindi dawn ma jistgħux jinġiebu quddiem dina l-Qorti f'dan l-istadju;

Illi ma hemmx dubbju li l-biljett mogħti mill-konvenut u aċċettat mill-attur huwa biljett rebbieħ u kwindi għandu d-dritt

li jitħallas;

Illi ma hemmx dubbju ukoll li l-biljett ta' l-attur fl-ebda ħin ma ġie korrett u lanqas biss sar tentattiv da parti tal-konvenut biex jipprova jikkoreġi l-allegat *żball li għamel fuq il-biljett ta' l-attur*;

Illi ma hemmx dubbju ukoll li jekk sar żball bil-mod ta' l-għoti tal-biljett lill-attur, dan sar min-naħa tal-konvenut u/jew ta' l-impjegati tiegħu - *difatti huma ppruvaw jirranġaw* dan l-istess żball b'mod unilaterali biss fuq il-kotba/lista tagħhom u lill-attur ma infurmawh xejn dwar dan, kemm *qabel kif ukoll* waqt it-tiġrija. Infurmawh biss meta huwa mar biex isarraf il-biljett rebbieħ;

Illi tant hu hekk li l-konvenut ammetta l-iżball da parti tiegħu li anke offra *lill-attur iħallas somma* inferjuri għal dik li kien ħaqqu skond l-*odds* mogħtija fuq il-biljett rebbieħ;

Illi f'din il-kwistjoni l-element tal-kunsens kontrattwali ma jidħol imkien u madankollu, l-attur seta' faċilment jagħżel li jżomm il-biljett in kwistjoni bin-numru lilu mogħti anke li kieku kienu infurmawh qabel li kienu tawh numru ħażin. Il-logħob tal-*betting* isir, jintrebaħ u jintilef fuq numru mogħti fuq karta uffiċċjali u mhux fuq l-ismijiet taż-żwiemel. Ma hemm xejn li jżomm lill-attur jew kwalunkwe *horse owner* ieħor li jilgħab fuq numru li jappartjeni lil żiemel li mhux tiegħu;

Illi dawn l-argumenti kollha rriżultaw mill-provi prodotti kif ser jiġi indikat hawn taħt:

Fl-ittra esebita ffirmata minn Paul Midolo, President tal-*Malta Racing Club*, jidher ċar illi l-attur xorta waħda *aċċetta n-*numru lilu mogħti anke jekk seta' sar żball inizjali mill-

*bookmaker* - li kieku rebaħ iż-żiemel numru 15, iż-żiemel li suppost Borg ried jilgħab fuqu, skond *il-konvenut*, *l*-attur ma kienx ikollu f'idejh biljett rebbieħ u kwindi ma kienx jitħallas u lanqas kien ikollu d-dritt li jitlob ħlas;

"Il-*bookmaker* bi żball niżżel in-numru 14 fuq il-biljett u xorta ġie aċċettat minn Salvu Borg u ma nbidilx. Is-Sur Abela quddiemi offra s-somma ta' Lm100 lil Salvu Borg biex jikkompensa għal dan";

Fix-xhieda tiegħu Paul Midolo jgħid ċar u tond illi dak li jgħodd huwa n-numru taż-żiemel ċjoè n-numru li jkun jidher fuq il-biljett u mhux l-isem taż-żiemel. Fil-każ in eżami huwa jikkonferma illi l-biljett rebbieħ huwa dak li għandu n-numru erbatax ċjoè allura l-biljett esebit f'dawn il-proċeduri huwa biljett rebbieħ: "Dak il-biljett juri ċar u tond li dak iż-żiemel rebaħ u allura min għandu fil-pussess dan il-biljett ... kellu jitħallas ... *Issa jekk kien hemm żball jew ma kienx hem żball* inti trid timxi skond il-biljett";

Il-konvenut Alfred Abela jammetti li l-iżball kien sar biss da parti tiegħu. "Fuq il-Bord tiegħi n-*number* tas-Sur Borg kien 14 ... meta indunajna bl-iżball għamilnih *number* 15. Żidniha fuq il-Bord ... nikkonferma li d-dokument A (ċjoè l-biljett rebbieħ) ħareġ mill-i*stall* tiegħi ... il-biljett qatt ma ġie korrett ... *jiena kkorreġejt l-iżball fuq il-karti tiegħi biss*";

Ix-xhieda mressqa mill-konvenut ukoll jikkonfermaw illi l-iżball kien sar min-naħa tal-konvenut stess u li l-korrezzjoni ttentaw jagħmlu fuq il-karti tagħhom biss u *li* ħadd ma ndenja ruħu ta' l-anqas jippruvaw jinfurmaw lill-attur bl-iżball jekk huwa riedx jagħmel korrezzjoni ta' dak l-iżball. Sabiex issir il-korrezzjoni jeħtieġ il-kunsens taż-żewġ naħat peress illi kif ġà argumentat qabel *hawn fuq, l-attur seta' u kellu kull dritt*

jiddeċidi li jżomm in-numru li tawh anke jekk oriġinarjament huwa forsi jkun talab numru ieħor - li kieku qalulu minn qabel, huwa xorta waħda seta' ddeċida li jittanta xortih b'dak in-numru "żbaljat" li tawh u xorta waħda kellu u għandu d-dritt li jitħallas la darba għandu l-biljett bin-numru rebbieħ irrispettivament ta' x'kienet *l-intenzjoni* jew *ħsieb oriġinali* tiegħu;

In vista ta' dan kollu għalhekk, l-attur talab li dina l-Qorti jogħġobha tirrespinġi l-appell magħmul mill-konvenut u kwindi *tikkonferma s-sentenza* mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-kawża fl-ismijiet premessi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellant;

Wara li rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-trattazzjoni ta' dan l-appell, il-Qorti issa sejra tgħaddi għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tagħha;

Mill-provi akkwiżiti jirriżulta li l-attur xtara biljett mingħand l-appellant b'numru 14 li kellu jkun abbinat ma' żiemel partikolari. Ġara li, bi żball, l-appellant ħareġ biljett b'numru differenti (ara dok. A, a fol. 30) u l-appellat żamm dan il-biljett, ix-xorti riedet li l-biljett rebbieħ kien proprju dan il-biljett f'idejn il-ġogatur. Meta l-appellat mar biex isarrfu, il-konvenut appellant infurmah bl-iżball li kien kommess minnu (i.e. mill-appellant) u *rrifjuta li jagħtih il-flus tar-rebħ. Minflok*, l-appellant għamel offerta bonarja ta' ħlas per via ta' transazzjoni li però ma seħħitx;

*Illi, fil-fehma tal-Qorti, il-*pern tal-kwistjoni *huwa* jekk *il-*ġogatur rebbieħ kellux ikun dak li fil-pussess tiegħu <u>kellu l-biljett rebbieħ</u> jew inkella dak *illi f'moħħu* kellu *numru* partikolari. Evidentement, u kif tajjeb sostniet l-Ewwel Qorti, ir-rebbieħ huwa dak *li fuq* il-biljett tiegħu kellu n-numru vinċenti indipendentement minn dak li oriġinarjament seta'

kellu f'moħħu l-ġogatur. Ta' l-istess fehma kien Paul Midolo, in rappreżentanza tal-*Malta Racing Club* (ara Dok. B, a fol. 31), li kien kiteb lill-avukat ta' l-attur biex jinfurmah illi hu kien kellem kemm il-darba lill-appellant (fatt miċħud mill-appellant) u li miegħu sostna:

"... illi huwa għandu jħallas skond ma huwa ddikjarat fuq il-biljett";

Fi kliem ieħor, u kuntrarjament ta' dak li ssottometta l-appellant fir-rikors tiegħu, huwa n-numru fuq il-biljett li kellu jiddetermina minn rebaħ u mhux dan jew dak iż-żiemel;

Illi, għalkemm huwa minnu li fir-regolamenti tal-logħob esebiti mill-appellant, hemm aċċenn għall-possibbilità ta' korrezzjoni f'każ ta' żball, però tali korrezzjoni jrid issir *a tempo debito* u mhux wara li jkun temm l-avveniment. Ma hemm xejn stipulat fir-regolamenti li ġogatur ma setax jibqa' jżomm biljett b'numru partikolari ankorkè dan ikun numru divers minn dak li huwa seta' kellu oriġinarjament f'moħħu. It-test oġġettiv hu n-numru fuq il-biljett. Li kieku, appena ħareġ il-biljett minn idejn il-*bookmaker* (i.e. l-appellant), dan ħa l-passi meħtieġa għall-korrezzjoni opportuna, allura x-xejra tal-kawża setgħet ħadet kors ieħor, imma mhux hekk ġara. L-istess konvenut (ara l-aħħar paragrafu a fol. 70) xehed li ġej:

"Il-biljett qatt ma ġie korrett. Jien m'għamiltx korrezzjoni fuq il-biljett għax ma kienx għandi. Jiena kkoreġejt l-iżball fuq il-karti tiegħi stess";

B'mod aktar elokwenti xehed Joseph Spiteri, wieħed mill-impjegati ta' l-appellant li in kontro-eżami (fol. 78) jgħid li:

"Konna indunajna bl-iżball qabel ma Salvu Borg ġie biex

isarraf il-biljett. Indunajna waqt it-tiġrija, ma stajna nagħmlu xejn. X'hin ġie Salvu Borg għall-flus jiena kont diġà qattajt il-karta li kienu tawna tar-*Racing Club*";

L-appellant daħal ukoll fi kwistjoni li proprjament lanqas tissemma' *ut sic* fl-eċċezzjonijiet tiegħu. Jgħid li b'effett tas-sentenza appellata huwa jiġi kostrett iħallas a bażi ta' *odds* illi l-attur qatt ma kien ser jitħalla jilgħab fuq dak iż-żiemel. Apparti dak li diġà intqal dwar il-fatt li l-eċċezzjonijiet tiegħu ma jmorrux daqstant, l-argument ta' l-appellant xorta waħda ma jbiddel xejn mill-fatt li l-ħlas dovut kellu jiġi ddeterminat esklussivament minn dak li jintitola bħal rebħ l-istess biljett, indipendentement mill-intenzjoni tal-ġogatur u dak li suppost kellu jikteb il-*bookmaker* u kwindi lanqas hemm lok li jiġi applikat l-artikolu 1714 (2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta kif issuġerixxa, bla preġudizzju, l-appellant. Kellha, ukoll fl-aħħarnett, raġun l-Ewwel Qorti li tirritjeni li kull korrezzjoni talvolta dovuta mhux biss kellha ssir fil-waqt opportun imma bil-kunsens taż-żewġ naħat u mhux b'mod unilaterali kif jippretendi l-appellant;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi l-appell billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fid-29 ta' Mejju, 1996 fil-kawża fl-ismijiet premessi, tiċħad l-appell tal-konvenut bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

---